

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1818**tal-10 ta' Ottubru 2016****li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE biex ir-Repubblika tal-Guinea titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 34(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi sistema tal-Unjoni li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).
- (2) Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jistabbilixxi l-proċedura fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, u jistipula t-tfassil ta' lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru 2012 ⁽²⁾, il-Kummissjoni inkludiet l-informazzjoni rigward il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom tissejjes din l-identifikazzjoni possibbli u nnotifikat lil tmien pajjiżi terzi, fosthom ir-Repubblika tal-Guinea (minn hawn 'il quddiem il-"Guinea") dwar il-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi li hija tqis bħala pajjiżi li ma jikkooperawx.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tas-26 ta' Novembru 2013 ⁽³⁾, il-Kummissjoni identifikat lill-Guinea bħala pajjiż terz li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. F'dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni ddikjarat ir-raġunijiet li għalihom qieset li l-Guinea naqset milli taqdi dmirijietha skont id-dritt internazzjonali, bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, li tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.
- (5) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE ⁽⁴⁾, il-Kunsill adotta l-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx li kienet tinkludi l-Guinea.
- (6) Wara l-inklużjoni tal-Guinea f'dik il-lista, il-Guinea għamlet ħilitha biex tirrettifika s-sitwazzjoni li wasslet għall-inklużjoni tagħha fil-lista u biex tieħu miżuri konkreti li jistgħu jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati.
- (7) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni, jidher li l-Guinea implimentat l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali u adottat qafas legali adegwat għall-ġlieda kontra s-sajd IUU. Hija ħolqot sistema ta' sanzjonijiet ta' deterrent. Stabbiliet ukoll skema adegwata u effiċjenti ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni billi żviluppat Pjan Nazzjonali ta' Spezzjoni u introduċiet sorveljanza mill-ajru u armat liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd b'Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastimenti li tiffunzjona b'mod sħiħ. Il-Guinea wettqet ukoll rieżami tas-sistemi

⁽¹⁾ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2012 dwar in-notifika lill-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis bħala possibbli li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 354, 17.11.2012, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2013 li tidentifika l-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis li huma pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU C 346, 27.11.2013, p. 2).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/170/UE tal-24 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 43).

tagħha ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzji u daħħlet miżuri tekniċi, ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżguraw bilanċ raġonevoli bejn il-liċenzji tas-sajd mogħtija, ir-riżorsi disponibbli u l-kapaċitajiet tagħha ta' kontroll u ta' infurzar. Barra minn hekk, il-Guinea kkunsidrat mill-ġdid il-parteċipazzjoni tagħha fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs), tejbet il-konformità mal-obbligi internazzjonali tagħha li jirriżultaw mir-rakkomandazzjonijiet u mir-riżoluzzjonijiet ta' dawh l-Organizzazzjonijiet, u ħadet miżuri xierqa kontra l-bastimenti IUU tal-Guinea inklużi fil-listi IUU tal-RFMOs.

- (8) Jidher ukoll li bl-azzjonijiet li ttieħdu, il-Guinea ma baqgħetx tonqos milli tiżgura l-konformità ma' dmirijietha skont id-dritt internazzjonali u b'mod partikolari fid-dawl tal-Artikoli 61, 62, 94, 117 u 118 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u tal-Artikoli 18, 19 u 20 tal-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut.
- (9) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sitwazzjoni li wasslet biex il-Guinea tiġi inkluża fil-lista ġiet irrettifkata u li l-Guinea ħadet miżuri konkreti li jistgħu jwasslu għal titjib dejjiem tas-sitwazzjoni.
- (10) Konsegwentement, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE tiġi emendata sabiex il-Guinea titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkoperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.
- (11) Din id-Deċiżjoni ma tipprekludi l-ebda pass sussegwenti li l-Unjoni tista' tieħu, skont ir-Regolament (KE) Nru 1005/2008, fil-każ li xi elementi fattwali kellhom jiżvelaw li l-Guinea naqset milli taqdi dmirijietha skont id-dritt internazzjonali, bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, li tieħu azzjoni biex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd IUU.
- (12) Fid-dawl tal-konsegwenzi negattivi dovuti għall-inklużjoni tagħha fil-lista bħala pajjiż terz li ma jikkoperax, jixraq li l-Guinea titneħħa b'effett immedjat mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkoperawx,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Guinea hija mneħħija mill-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/170/UE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
G. MATEČNÁ